FTEHIM

RIGWARD IL-PARTEĊIPAZZJONI TAR-REPUBBLIKA ĊEKA,

TAR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA, TAR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

TAR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA, TAR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

TAR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA, TAR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

TAR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA, TAR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA

U TAR-REPUBBLIKA SLOVAKKA

FIŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA’ SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-RENJU TA’ L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA’ L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

minn hawn 'l quddiem imsejħin "Stati Membri tal-KE",

IR-REPUBBLIKA TA' L-ISLANDA,

IL-PRINĊIPALITÀ TAL- LIECHTENSTEIN,

IR-RENJU TAN-NORVEĠJA,

minn hawn 'l quddiem imsejħin "Stati ta' l-EFTA",

minn hawn 'l quddiem imsejħin flimkien "Partijiet Kontraenti Attwali",

u

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA

BILLI t-Trattat li jirrigwarda l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'l quddiem imsejjaħ it-"Trattat ta' l-Adeżjoni") kien iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April 2003;

BILLI skond l-Artikolu 128 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, iffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju 1992, kull Stat Ewropew li jsir membru tal-Komunità għandu japplika biex isir Parti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'l quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ŻEE");

BILLI r-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka applikaw biex isiru Partijiet Kontraenti tal-Ftehim ŻEE;

BILLI l-patti u l-kondizzjonijiet għal din il-parteċipazzjoni għandhom ikunu soġġetti għal Ftehim bejn il-Partijiet Kontraenti Attwali u l-Istati applikanti;

IDDEĊIDEW li jikkonkludu il-Ftehim li ġej:

ARTIKOLU 1

1. Ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r- Repubblika Slovakka hawnhekk isiru Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE u minn hawn 'l quddiem għandhom ikunu imsejħin il-"Partijiet Kontraenti l-Ġodda".

2. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, id-disposizzjonijiet tal-Ftehim ŻEE, kif emendati mid-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE adottati qabel l-1 ta' Novembru 2002, għandhom jorbtu lill-Partijiet Kontraenti l-Ġodda taħt l-istess kondizzjonijiet bħal dawk tal-Partijiet Kontraenti Attwali u taħt il-patti u kondizzjonijiet stipulati f'dan il-Ftehim.

3. L-Annessi għal dan il-Ftehim jiffurmaw parti integrali minn dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 2

1) AĠĠUSTAMENTI GĦAT-TEST PRINĊIPALI TAL-FTEHIM ŻEE:

(a) Preambolu:

Il-lista tal-Partijiet Kontraenti għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMUBURU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA’ L-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA’ FUQ,

U

IR-REPUBBLIKA TA’ L-ISLANDA,

IL-PRINĊIPALITÀ TAL- LIECHTENSTEIN,

IR-RENJU TAN-NORVEĠJA,";

(b) Artikolu 2:

(i) It-test tal-punt (b) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"il-frasi "Stati ta’ l-EFTA" jfisser ir-Repubblika ta’ l-Islanda, il-Prinċipalità tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja;";

(ii) il-kliem "u t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar" għandu jitħassar mill-punt (ċ);

(iii) il-punt li ġej għandu jiżdied:

"(d) it-frasi "Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003" għandu jfisser l-Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, adottat f'Ateni fis-16 ta' April 2003.";

(ċ) Artikolu 109:

Fil-paragrafu 1, il-kliem ", it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar," għandu jitħassar;

(d) Artikolu 117:

It- test ta' Artikolu 117 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Disposizzjonijiet li jirregolaw il-Mekkaniżmi Finanzjarji huma stipulati fi Protokoll Nru.38 u fi Protokoll Nru.38a.";

(e) Artikolu 121:

Il-paragrafu (ċ) għandu jitħassar;

(f) Artikolu 126:

Il-paragrafu 1 għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "u t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar" għandu jitħassar;

(ii) il-kliem " dawk it-Trattati" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "dak it-Trattat";

(iii) il-kliem "ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Repubblika ta' l-Islanda, il-Prinċipalità tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u r-Renju ta' l-Isvezja" għandu jiġi sostitwit bil-kliem " ir-Repubblika ta' l-Islanda, il-Prinċipalità tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja";

(g) Artikolu 129:

(i) Is-subparagrafu li ġej għandu jiddaħħal wara l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1:

"Wara t-tkabbir taż-Żona Ekonomika Ewropea il-verżjonijiet ta' dan il-Ftehim fil-lingwa Ċeka, Estona, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Slovakka, Slovena u Ungeriża għandhom ikunu ugwalment awtentiċi.";

(ii) it-tielet subparagrafu l-ġdid tal-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"It-testi ta' l-atti li hemm referenza għalihom fl-Annessi huma ugwalment awtentiċi fil-lingwa Ċeka, Daniża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana u Ungeriża kif pubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u għall-awtentikazzjoni tagħhom għandhom isiru fil-lingwa Islandiża u Norveġiża u pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE mal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.".

2) AĠĠUSTAMENTI GĦALL-PROTOKOLLI GĦALL-FTEHIM ŻEE:

(a) Protokoll Nru.36:

L-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kumitat Parlamentari Konġunt taż-ŻEE għandu jkun kompost minn erbgħa u għoxrin membru.";

(b) Protokoll ġdid Nru.38a:

Protokoll ġdid Nru.38a għandu jiddaħħal wara l-Protokoll Nru.38:

"PROTOKOLL Nru.38a
DWAR IL-MEKKANIŻMU FINANZJARJU TAŻ-ŻEE

ARTIKOLU 1

L-Istati ta' l-EFTA għandhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-differenzi ekonomiċi u soċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea permezz tal-finanzjament ta' għotjiet għal proġetti ta' investiment u żvilupp fis-setturi ta' priorità elenkati fl-Artikolu 3.

ARTIKOLU 2

L-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja prevista fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' EUR 600 miljun, li għandu jkun disponibbli biex jiġu kommessi f'porzjonijiet annwali ta' EUR 120 miljun matul il-perijodu li jiddekorri bejn l-1 ta' Mejju 2004 u t-30 ta' April 2009, inklużi.

ARTIKOLU 3

1. L-għotjiet għandhom ikunu disponibbli għall-proġetti fis-setturi ta' prijorità li ġejjin:

(a) il-ħarsien ta' l-ambjent, inkluż l-ambjent uman, permezz ta', *inter alia*, it-tnaqqis tat-tniġġis u l-promozzjoni ta' l-enerġija rinnovabbli;

(b) il-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli permezz ta' titjib fl-użu u l-immaniġġjar tar-riżorsi;

(ċ) il-konservazzjoni tal-wirt kulturali Ewropew, inkluż it-trasport pubbliku u t-tiġdid urban;

(d) l-iżvilupp tar-riżorsi umani permezz ta', *inter alia*, il-promozzjoni ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi jew tas-servizz pubbliku tal-gvern lokali jew ta' l-istituzzjonijiet tiegħu kif ukoll tal-proċessi demokratiċi li jsostnuh;

(e) is-saħħa u l-kura tat-tfal.

2. Ir-riċerka akkademika tista' tkun eliġibbli għall-fondi sakemm u safejn tkun immirata lejn xi wieħed jew aktar mis-setturi ta' prijorità.

ARTIKOLU 4

1. Il-kontribuzzjoni ta' l-EFTA fl-għamla ta' għotjiet ma għandhiex taqbeż is-60% tal-kost tal-proġett ħlief fi proġetti li huma ffinanzjati mod ieħor b'allokazzjonijiet ta' l-estimi tal-gvern ċentrali, reġjonali jew lokali, fejn il-kontribuzzjoni ma tistax taqbeż il-85% tal-kost totali. Ir-rati massimi tal-Komunità għall-finanzjament konġunt ma għandhom jinqabżu fl-ebda każ.

2. Ir-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-istat għandhom ikunu osservati.

3. Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tikkontrolla li l-proġetti proposti jkunu kompatibbli ma' l-objettivi tal-Komunità.

4. Ir-responsabbiltà ta' l-Istat ta' l-EFTA għall-proġetti hi limitata għall-provvista ta' fondi skond il-pjan miftiehem. M'hi ser tkun assunta l-ebda responsabbiltà lejn partijiet terzi.

ARTIKOLU 5

Il-fondi għandhom ikunu magħmula  disponibbli għall-Istati Benefiċjarji (ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja u s-Slovakkja) skond il-formula ta' distribuzzjoni li ġejja:

| Stat Benefiċjarju | Perċentaġġ tal-Kontribuzzjoni Totali |
|---|---|
| ir-Repubblika Ċeka | 8,09% |
| l-Estonja | 1,68% |
| il-Greċja | 5,71% |
| Spanja | 7,64% |
| Ċipru | 0,21% |
| il-Latvja | 3,29% |
| il-Litwanja | 4,50% |
| l-Ungerija | 10,13% |
| Malta | 0,32% |
| il-Polonja | 46,80% |
| il-Portugall | 5,22% |
| is-Slovenja | 1,02% |
| is-Slovakkja | 5,39% |

ARTIKOLU 6

Bl-iskop li fondi disponibbli mhux kommessi jiġu allokati mill-ġdid għal proġetti ta' priorità għolja minn kwalunkwe Pajjiż Benefiċjarju, għandha ssir reviżjoni f'Novembru 2006 u għal darb'oħra f'Novembru 2008.

ARTIKOLU 7

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja prevista f'dan il-Protokoll għandha tkun koordinata mill-qrib mal-kontribuzzjoni bilaterali min-Norveġja prevista fil-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż.

2. B'mod partikolari, l-Istati ta' l-EFTA għandhom jassiguraw li l-proċeduri ta' applikazzjoni huma identiċi għaż-żewġ mekkaniżmi finanzjarji msemmija fil-paragrafu ta' qabel.

3. Kull bidla relevanti fil-politika ta' koeżjoni tal-Komunità għandha tkun ikkunsidrata, kif xieraq.

ARTIKOLU 8

1. L-Istati ta' l-EFTA għandhom jistabbilixxu Kumitat li ser jamministra l-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE.

2. Aktar disposizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE ser jinħarġu mill-Istati ta l-EFTA skond il-ħtieġa.

3. L-ispejjeż amministrattivi għandhom ikunu koperti mill-ammont globali imsemmi fl-Artikolu 2.

ARTIKOLU 9

Fit-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi skond il-Ftehim, il-Partijiet Kontraenti, fid-dawl ta' Artikolu 115 tal-Ftehim, ser jirrevedu l-ħtieġa li jkunu trattati d-differenzi ekonomiċi u soċjali fi ħdan iż-Żona Ekonomika Ewropea.

ARTIKOLU 10

Jekk xi wieħed mill-Istati Benefiċjarji elenkati fl-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll ma jsirx Parti Kontraenti għall-Ftehim fl-1 ta' Mejju 2004, jew jekk ikun hemm xi bidla fil-membri tal-pilastru ta' l-EFTA taż-Żona Ekonomika Ewropea, dan il-Protokoll għandu jkun soġġett għall-aġġustamenti meħtieġa.";

(ċ) Protokoll ġdid Nru.44:

Dan li ġej għandu jiddaħħal bħala Protokoll Nru. 44:

"PROTOKOLL Nru. 44
DWAR MEKKANIŻMI TA’ SALVAGWARDJA LI JINSABU FL-ATT TA’ L-ADEŻJONI TAS-16 TA’ APRIL 2003

1. L-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 112 tal-Ftehim għall-Klawsola Ġenerali ta’ Salvagwardja Ekonomika u l-mekkaniżmi ta’ salvagwardja li jinsabu f’ċertu arranġamenti transitorji fil-Qasam tal-Moviment Liberu tal-Persuni u t-Trasport bit-Triq.

L-Artikolu 112 tal-Ftehim għandu jkun applikabbli wkoll għas-sitwazzjonijiet speċifikati jew li hemm referenza għalihom fid-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 37 ta’ l-Att ta’ l-Adeżjoni tas-16 ta’ April 2003 u fil-mekkaniżmi ta’ salvagwardja li jinsabu fl-arranġamenti transitorji taħt l-intestaturi "Perijodu transitorju", fl-Anness V (Il-moviment liberu tal-ħaddiema) u fl-Anness VIII (Id-dritt ta’ l-istabbiliment), f’punt 30 (id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ta’ l-Anness XVIII (Is-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, liġi tax-xogħol, u trattament indaqs bejn l-irġiel u n-nisa) u f’punt 26ċ (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3118/93 ta’l-Anness XIII (It-trasport) bl-istess limiti ta’ żmien, kamp ta' applikazzjoni u effetti kif stipulat f’dawn id-disposizzjonijiet.

2. Klawsola ta' Salvagwardja għas-Suq Intern

Il-proċedura ġenerali għat-teħid ta' deċiżjonijiet kif provduta mill-Ftehim għandha tkun applikabbli wkoll għad-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 38 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003.".

ARTIKOLU 3

1. L-emendi kollha għall-atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Komunità u inkorporati fil-Ftehim ŻEE, magħmula mill-Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'l quddiem imsejjaħ "l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003"), huma hawnhekk inkorporati fil-Ftehim ŻEE u magħmula parti minnu.

2. Għal dan il-għan, l-inċiż li ġej huwa mdaħħal fil-punti ta' l-Annessi u tal-Protokolli għall-Ftehim ŻEE li jinkludu referenzi għall-atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Komunità konċernati:

"– [numru CELEX]: Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea adottat fis-16 ta' April 2003.".

3. Jekk l-inċiż imsemmi fil-paragrafu 2 huwa l-ewwel inċiż tal-punt in kwistjoni, għandu jiġi preċedut mill-kliem ", kif emendat bi:".

4. L-Anness A għal dan il-Ftehim jelenka l-punti fl-Annessi u l-Protokolli għall-Ftehim ŻEE, li fihom għandu jiddaħħal it-test imsemmi fil-paragrafi 2 u 3.

5. Fejn atti inkorporati fil-Ftehim ŻEE qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jeħtieġu adattamenti minħabba l-parteċipazzjoni tal-Partijiet Kontraenti l-Ġodda, u l-adattamenti meħtieġa ma hemmx provvediment għalihom f'dan il-Ftehim, dawk l-adattamenti ser jiġu ttrattati bi qbil mal-proċeduri stipulati fil-Ftehim ŻEE.

ARTIKOLU 4

1. L-arranġamenti imsemmija fl-Anness B għal dan il-Ftehim huma hawnhekk inkorporati fil-Ftehim ŻEE u magħmula parti minnu.

2. Kull arranġament ta' relevanza għall-Ftehim ŻEE imsemmi fl-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 li mhux rifless fl-Anness B ta' dan il-Ftehim, ser ikun ttrattat bi qbil mal-proċeduri stipulati fil-Ftehim ŻEE.

ARTIKOLU 5

Kull Parti għal dan il-Ftehim tista' tressaq kull kwistjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tiegħu quddiem il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jeżamina l-kwistjoni bl-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli sabiex jinżamm fis-seħħ il-funzjonament tajjeb tal-Ftehim ŻEE.

ARTIKOLU 6

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi ratifikat jew approvat mill-Partijiet Kontraenti Attwali u mill-Partijiet Kontraenti l-Ġodda bi qbil mal-proċeduri tagħhom stess. L-istrumenti ta' ratifika jew ta' approvazzjoni għandhom jiġu depożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

2. Huwa għandu jidħol fis-seħħ fl-istess jum bħat-Trattat ta' l-Adeżjoni basta li l-istrumenti kollha tar-ratifika jew ta' l-approvazzjoni ta' dan il-Ftehim ikunu ġew depożitati qabel dik id-data u basta li l-ftehim u protokolli relatati li ġejjin jidħlu fis-seħħ fl-istess jum:

(a) Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Komunità Ewropea dwar il-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perijodu 2004-2009;

(b) Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda bħala riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea;

(ċ) Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja bħala riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea; u

(d) Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja rigward ċerti prodotti agrikoli.

3. Jekk mhux il-Partijiet Kontraenti l-Ġodda kollha jkunu ddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' ratifika jew ta' approvazzjoni tal-Ftehim fil-ħin, dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ għal dawk l-Istati li jkunu għamlu hekk. F'dan il-każ, il-Kunsill taż-ŻEE għandu jiddeċiedi immedjatament dwar l-aġġustamenti li għandhom isiru għal dan il-Ftehim u, skond il-każ, għall-Ftehim ŻEE.

## ARTIKOLU 7

Dan il-Ftehim, magħmul f'oriġinal wieħed fil-lingwa Ċeka, Daniża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Islandiża, Latvjana, Litwana, Maltija, Norveġiża, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana u Ungeriża, bit-test f'kull waħda minn dawn il-lingwi jkun ugwalment awtentiku, għandu jiġi depożitat mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, li għandu jibgħat kopja ċertifikata lil kull wieħed mill-Gvernijiet tal-Partijiet għal dan il-Ftehim.


| REPUBLIK ÖSTERREICH BUNDESKANZLERAMT AMTSSIGNATUR | Unterzeichner | serialNumber=1026761,CN=Bundeskanzleramt,C=AT |
|---|---|---|
| | Datum/Zeit | 2017-11-27T13:57:26+01:00 |
| | Prüfinformation | Informationen zur Prüfung des elektronischen Siegels bzw. der elektronischen Signatur finden Sie unter: https://www.signaturpruefung.gv.at Informationen zur Prüfung des Ausdrucks finden Sie unter: https://www.bka.gv.at/verifizierung |
| | Hinweis | Dieses Dokument wurde amtssigniert. |